MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 316/2013

**Appell Nru.  316/2013**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Branco Fenech**

**Illum 5 ta' Ġunju, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 18787M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :-

fit-23 ta' Luiju, 2012 ghal habta ta' 12:45 hrs fl-inhawi ta' Ta Qali, zamma xi ghasfur, kemm haj, kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, kontra id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie iddikjarat u registrat ma' l-Awtorita Kompetenti sal- 31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma inghata l-permessi jew certifikati mill-Awtorita Kompetenti sabiex izzomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta' Regolament 4 (1 )(e) ta' l-A.L. 79 ta' 1-2006, hekk kifemendat, L.S. 504.71.

Akkuzat ukoll talli fi-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, zamma xi ghasfur, kemm haj, kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta' Regolamenti ta' 1-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal- Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-istat Membru l-iehor u dan l-ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-l ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) ta' l-A.L. 79 ta' 1-2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur ta regolament 4(1)(a), SL 504.71

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaccja kellu fil-pusses tieghu u ghamel uzu minn ranja/ mist net jew xbieki u dan bi ksur tar- Reg 7(2), L.S. 504.71.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza, kellu fil-pussess tieghu u ghamel uzu minn ranja/ mist net jew xbiek u dan bi ksur tar-Reg 7 (1)(e), L.S. 504.06.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaccja kellu fil-pusses tieghu lixka ta' ghasafar protetti u dan bi ksur tar- Reg 7(2), L.S. 504.71.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ippruva jiehu xi ghasfur billi uza lixka ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Reg 7(l)(i), SL 504.71

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien qed jonsob ghal-ghasafar tal-ghana, matul l-istagun maghluq ghall-insib ta' l-ghasafar u dan bi ksur tar- Reg 18(1 )(c), L.S.504.7 1.

Akkuzat ukoll talli jinsab recidiv b'diversi sentenzi ta' Qorti, liema sentenzi huwa defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Gunju, 2013, li biha, wara li rat ir-Regolamenti 4(1)(e), 4(109f) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 504.71, 41(1)(a), SL 504.71, 7(2) LS 504.71, 7(1)(e) LS 504.06, 7(2) LS 504.71, 7(1)(i) SL 504.71 u 18(1)(c) LS 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu multa ta' tlett elef Ewro (€3,000).

Ordnat il-konfiska tal-oggetti esebiti.

Inoltre ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tal-kacca tal-appellant ghal tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta' Lulju, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-esponenti ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu u qed jinterponi dana l-umli appell in kwantu l-piena erogata kienet fl-umli opinjoni tal-esponenti wahda harxa zzejjed. Illi l-esponenti fl-istadju tal-perkwisizzjoni tal-Pulizija ammetta l-involviment tieghu. Illi mhux biss, izda huwa ha hsieb zarma l-imnasab elaborati li kien hemm tant li l-Ispettur tal-iskwadra ALE xehed li rega` mar wahda fuq is-siy wara l-incident u kkonferma li kollox kien tnehha minn l-appellant. Illi fil-Qorti l-esponenti tenna l-ammissjoni tieghu u rega` rregistra ammissjoni tal-akkuzi dedotti kontra tieghu. Illi huwa f'dan l-isfond li l-esponenti jikkontendi bid-dovut rispett li l-piena nflitta kienet wahda harxa z-zejjed.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fit-23 ta' Lulju ta' l-2012 ghal habta ta' 12.45 hrs fl-inhawi ta' Ta' Qali l-appellant Branco Fenech gie mixli li kiser il-provedimenti tar-regolamenti ta' l-2006 dwar il-konservazzjoni ta' l-ghasafar selvagg. L-appellant ammetta l-involviment tieghu f'din il-vicenda mal-ewwel, kemm quddiem il-Pulizija kif ukoll quddiem il-Qorti u b'sentenza tas-26 ta' Gunju ta' l-2013, il-Qorti kkundannatu ghal multa ta' €3,000, konfiska ta' l-oggetti esebiti u skwalifikatu milli jkollu licenzja tal-kacca jew insib ghal zmien tlett snin. Branco Fenech hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell, limitatament ghal piena fejn dehrlu li kienet wahda eccessiva.

Ikkunsidrat.

Illi huwa minnu li l-appellant ammetta l-involviment tieghu fi ksur ta' dawn ir-regolamenti mal-ewwel, kemm mal-Pulizija, kif ukoll quddiem il-Qorti, fejn allura l-Qorti tal-Magistrati ma kelliex triq ohra hlief li tati s-sentenza u timponi piena skond il-Ligi. Minkejja illi l-appellant ammetta l-involviment tieghu fi stadju bikri, il-Qorti tal-Magistrati kellha wkoll recidiva ta' l-appellant fejn diga gie kkundannat b'sentenza ohra tat-12 t'April ta' l-2010 ghal ksur ta' l-istess regolamenti. F'dak il-kaz gie mehlus taht il-provedimenti ta' l-Artiklu 22 tal-Kap 446 ghal zmien 3 snin. Quindi, dawn ir-reati gew kommessi fiz-zmien meta l-appellant kien qieghed taht probation. Ghalhekk l-ewwel Qorti din id-darba derilha kellha tkun severa fil-

konfront tieghu.  Hekk ukoll tahsibha din il-Qorti, ghad illi forsi tista’ timmodifika xi ftit il-multa imposta mill-ewwel Qorti biex tirrifletti l-koperazzjoni ta’ l-appellant li ma qadtx jittituba jew jikkontesta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appella billi tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u minflok, tikkundanna lill-appellant ghal multa ta’ €1,500 oltre l-konfiska ta’ l-oggetti esebiti kif ukoll swalifika milli jotjeni licenzji tal-kacca u ta’ l-insib ghal zmien tlett snin.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------